



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2023
(OR. en)

16094/1/23
REV 1

SOC 833
EMPL 598
GENDER 211

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15421/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Novembru 2023.

It-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru

Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI:

1. Kisbiet kostanti fid-drittijiet soċjali u għarfien akbar tad-dritt tal-persuni kollha li jgawdu ħajja sħiħa u dinjituża qajmu xi dubji dwar il-mudelli tal-kura istituzzjonali, li f'ħafna każijiet jinvolve segregazzjoni u jillimitaw il-libertajiet fundamentali. Din il-bidla fil-paradigma kienet akkumpanjata minn avvanzi fil-mudelli tal-kura professjonali u mill-ideat li qed jinbidlu dwar kif għandha tkun il-kura. Dan ġie appoġġat ukoll minn evidenza xjentifika li tikkonferma ħafna inadegwatezzi tal-kura istituzzjonali, minn sensibilizzazzjoni soċjali akbar tal-importanza li jinbnew soċjetajiet ugwali u li tiġi integrata l-perspettiva tal-ġeneri, u minn aktar sensittività soċjali u preferenza mifruxa għal mudelli ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea hija parti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UN CRPD), li ssegwi l-mudell ta' diżabilità bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem permezz tal-parteeċipazzjoni fid-deistituzzjonalizzazzjoni.

2. Il-kura tul il-ħajja għandha dimensjoni sinifikanti tal-ġeneru. In-nisa jgħorru r-responsabbiltà ewlenija fit-twettiq ta' xogħol ta' kura kemm bla hlaas kif ukoll bi hlaas. Kważi 90 % ta' daww li jaħdmu bi qligħ fis-settur huma nisa, stmati li huma 9.1 miljun fl-Ewropa, f'impjiegi li fil-bieċa l-kbira tal-pajjiżi spiss huma prekarji, imħallsa ħażin, neqsin minn prospetti ta' żvilupp tal-karriera u sottovalutati, li parzjalment jispjega n-nuqqas inkwetanti ta' persunal ikkwalfikat f'dan is-settur fl-Ewropa u b'mod partikolari fiż-żoni l-aktar depopolati jew freġjuni inqas żviluppati. 92 % tan-nisa fl-UE regolarment jagħmlu xogħol tal-kura mingħajr hlaas u 81 % jagħmlu dan kuljum¹. Ir-responsabbiltajiet tal-kura tat-tfal, b'mod partikolari t-tfal ta' età żgħira ħażna, huma restrizzjoni sinifikanti għall-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol². Fl-istess ħin, ir-rata tal-impjiegi tal-persuni bi tfal ta' inqas minn 6 snin kienet ta' 90.1 % għall-irġiel, meta mqabbla ma' 67.2 % biss għan-nisa. Total ta' 7.7 miljun mara fl-Ewropa jridu jadattaw ix-xejriet tax-xogħol tagħhom minħabba responsabbiltajiet ta' xogħol tal-kura mhux imħallsa³. In-nisa jiddedikaw aktar ħin għal kura u appoġġ mhux imħallsa u bi hlaas baxx mill-irġiel, li jfisser li l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-preżenza kontinwa tagħhom fih jiddependu mir-responsabbiltajiet ta' kura tagħhom u kif jinqasmu dawn ir-responsabbiltajiet⁴. Instab li l-qligħ potenzjali mitluf min-nisa minħabba din id-distribuzzjoni żbilanċjata ta' xogħol ta' kura mhux imħallas jammonta għal mill-inqas EUR 242 biljun fis-sena⁵. Id-distribuzzjoni inugwali tax-xogħol ta' kura mhux imħallas bejn l-irġiel u n-nisa hija, fost affarijiet oħra, marbuta mal-persistenza tad-differenza fil-paġi bejn il-ġeneri. Barra minn hekk, dan l-iżbilanċ jirriżulta f'pensjoni tax-xjuħija aktar baxxa għan-nisa, u għalhekk huwa inqas probabbli li jkunu jistgħu jaffordjaw il-kura li jeħtieġu, u huwa aktar probabbli li jesperjenzaw il-faqar⁶. Is-settur tal-kura u l-appoġġ fit-tul u tas-servizzi soċjali għandu potenzjal kbir li jiġġenera l-impjiegi, bl-għadd ta' impjiegi li jistgħu jinħolqu matul l-10 snin li ġejjin stmat fl-ivell ta' 8 miljun⁷.

¹ Strateġija Ewropea għall-Kura, paġna 2.

² EIGE (2023) A Better Work–Life Balance: Bridging the gender care gap (Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata: Intemmu d-differenza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-kura).
EIGE (2022), Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2022: Il-pandemija u l-kura tal-COVID-19.
EIGE (2021) Gender inequalities in care and consequences for the labour market (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol).
EIGE (2020) Gender equality and long-term care at home (L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-kura fit-tul fid-djar).

³ KtR, Opinjoni dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura.

⁴ Strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri.
EIGE (2023) A Better Work–Life Balance: Bridging the gender care gap (Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata: Intemmu d-differenza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-kura).

⁵ Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (2022).

⁶ Rapport dwar it-Tixjij tal-2021.
EIGE (2021) Gender inequalities in care and consequences for the labour market (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol).

⁷ KE (2021) Green Paper dwar it-Tixjij Inrawmu s-solidarjetà u r-responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet.

3. Fl-Ewropa, l-għadd ta' persuni li għandhom aktar minn 65 sena ser jikber b'14 % bejn l-2022 u l-2030 u bi 38 % matul it-30 sena li ġejjin—għal 129.8 miljun⁸—u sal-2030, l-għadd ta' persuni bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul ser ikun ta' 33.7 miljun u ċ-ċifra mistennija tilħaq it-38.1 miljun sal-2050⁹. Dan ġie fil-kuntest ta' sfidi persistenti fir-rigward tal-aċċess għal servizzi tal-kura affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja f'bosta pajjiżi tal-UE.
4. Sar progress lejn il-kisba tal-Miri ta' Barċellona stabbiliti fl-2002 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC). Madankollu, parzjalment minħabba d-differenzi f'termini ta' sistemi nazzjonali, dan il-progress ma kienx ugwali fost l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-grupp tal-iżgħar tfal u tfal minn sfondi żvantaġġati. Għal din ir-raġuni, il-Miri l-ġodda ta' Barċellona għall-2030 jiffukaw fuq it-titjib tal-parteciġazzjoni f'edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja, aċċessibbli u affordabbli u fuq it-tnaqqis tad-distakk fil-parteciġazzjoni fl-ECEC bejn il-popolazzjoni ġenerali tat-tfal u t-tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, kif ukoll gruppi oħra ta' tfal li jiffaċċaw inqas opportunitajiet bħal tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali u tfal b'diżabilità. L-aċċess effettiv għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal bla ħlas u ta' kwalità għolja għat-tfal fil-bżonn huwa wkoll waħda mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. Barra minn hekk, f'konformità mal-UN CRPD, l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tappella biex l-Istati Membri jinkludu lit-tfal kollha b'diżabilità fl-edukazzjoni ġenerali. Dan jinvolvi l-ħolqien ta' ambjenti edukattivi mingħajr xkiel, metodi ta' taġġim adegwati u persunal ikkwalifikat.

⁸ ESTAT, PROJ_23NP

⁹ Rapport dwar il-kura fit-tul, 2021

5. Skont il-Kumitat tar-Reġjuni, in-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tal-kura kkwalifikati hija problema madwar l-Ewropa kollha b'riperkussjonijiet soċjali estensivi¹⁰. Hemm paradoss li l-attivitajiet ta' kura jitqiesu bħala essenzjali għall-benesseri kollettiv tas-soċjetajiet, iżda f'hafta pajjiżi l-kura u x-xogħol tal-kura fil-biċċa l-kbira għadhom sottovalutati u mħallsa ħażin, u joffru prospetti fqar għall-karriera u opportunitajiet ta' taħriġ insuffiċjenti, livelli ta' persunal inadegwati u—f'xi każijiet—ftit li xejn sigurtà tax-xogħol. Għalhekk, is-sitwazzjoni attwali titlob approċċ strateġiku għall-kura, u wieħed li jrid jintegra l-perspettiva tal-ġeneru, u jkun ibbażat fuq il-premessa li r-responsabbiltà għall-ġhoti tal-kura ma taqax esklużivament f'idejn il-familja tar-riċevitur tal-kura, filwaqt li jiġi rikonoxxut ukoll li l-miżuri ta' protezzjoni soċjali biex tiġi żgurata kura ta' kwalità għolja affordabbli huma fattur determinanti ewlieni tal-aċċess. F'dan il-qasam, bosta atturi f'livelli differenti kollha għandhom rwol x'jaqdu, inkluż l-entitajiet lokali u reġjonali, l-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, il-kura soċjali u l-edukazzjoni, u s-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, kif iddikjarat fl-Istrateġija Ewropea għall-Kura.

FILWAQT LI JQIS LI:

6. Id-drittijiet tal-bniedem jinsabu fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

¹⁰ KtR, Opinjoni dwar l-Istrateġija Ewropea għall-Kura.

7. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri tinsab fil-qalba tal-valuri u d-drittijiet tal-bniedem Ewropej. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minqux fit-Trattati u rikonoxxut fl-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-Unjoni, fl-attivitajiet kollha tagħha, tfittex li telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.
8. L-Istrateġija Ewropea għall-Kura tistabbilixxi aġenda għat-titjib tas-sitwazzjoni u d-drittijiet tal-persuni li jindukraw b'mod formali u informali (l-aktar nisa) u tar-riċevituri tal-kura wkoll. Hija tappella lill-Istati Membri biex jiggarrantixxu servizzi ta' kura fit-tul u servizzi tal-ECEC ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli u biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u ugwali bejn il-ġeneri u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għat-tnejn li huma. L-implimentazzjoni ta' din l-aġenda ser tkompli tappoġġa l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tgħin biex jintlaħqu l-miri tal-UE fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar għall-2030, kif ukoll tgħin fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-Istrateġija tirrakkomanda wkoll li l-Istati Membri u s-sħab soċjali fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali jrawmu djalogu soċjali effettiv u jikkonkludu ftehimiet kollettivi għas-settur tal-kura, bl-oġettiv li jipprovdu lill-ħaddiema fil-qasam tal-kura b'kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u pagi adegwati, kif ukoll li jieħdu azzjoni biex jiffaċilitaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura. Hija tappella wkoll lill-Istati Membri biex jiġġieldu l-istereotipi tal-ġeneru u jippromwovu kondivżjoni aktar ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel.
9. L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 tal-Kummissjoni tiddikjara li "Aċċess insuffiċjenti għal servizzi tal-kura formali ta' kwalità u bi prezz raġonevoli huwa wieħed mill-muturi ewlenin tal-inugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol. L-investiment fis-servizzi tal-kura huwa għalhekk importanti biex jappoġġa l-parteciġazzjoni tan-nisa f'xogħol imħallas u l-iżvilupp professjonali tagħhom. Għandu wkoll potenzjal għall-ħolqien tal-impjiegi kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel."

10. Il-Konvenzjoni tan-NU tal-2006 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) tirrikonoxxi, fl-Artikolu 19, id-dritt li wieħed jgħix b'mod indipendenti u li jkun inkluż u jipparteċipa bis-sħiħ fil-komunità, u tappella għal miżuri biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom id-dritt li jagħżlu fejn jgħixu u kif u ma' min jgħixu, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Barra minn hekk, din tiddikjara li l-persuni b'diżabilità għandhom ikollhom aċċess għal firxa ta' servizzi ta' appoġġ fid-dar, residenzjali u oħrajn tal-komunità biex jiġu evitati l-iżolament jew is-segregazzjoni mill-komunità. Dan jirrikjedi bidliet strutturali biex ambjent istituzzjonalizzat jiġi sostitwit b'servizzi ta' appoġġ għall-għajxien indipendenti. F'dan ir-rigward, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 ittenni l-impenn tal-UE li tikseb it-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità u li l-Kummissjoni ser tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-isforzi tagħhom lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni u l-faċilitazzjoni ta' għajxien indipendenti, inkluż l-aħjar soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni u kura. Thegħgeġ ukoll lill-Istati Membri jimplimentaw prattiki tajbin ta' deistituzzjonalizzazzjoni u jippromwovu u jiżguraw finanzjament għal akkomodazzjoni soċjali inklużiva u aċċessibbli għad-diżabilità, inkluż għall-persuni akbar fl-età b'diżabilità, u biex jindirizzaw l-isfidi tal-persuni b'diżabilità mingħajr dar.
11. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja tirrakkomanda li l-Istati Membri jallinjaw kontinwament l-offerta ta' servizzi tal-kura fit-tul mal-ħtiġijiet tal-kura fit-tul, filwaqt li jipprovdu taħlita bbilanċjata ta' għażliet ta' kura fit-tul u ambjenti ta' kura biex jindirizzaw ħtiġijiet differenti ta' kura fit-tul u jappoġġaw il-libertà tal-għażla, u l-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet, ta' persuni fil-bżonn ta' kura, inkluż billi jiżviluppaw u/jew itejbu l-kura fid-dar u l-kura bbażata fil-komunità, u jiżguraw li s-servizzi tal-kura fit-tul ikunu kkoordinati tajjeb mal-prevenzjoni, it-tixjiħ b'saħħtu u attiv u s-servizzi tas-saħħa u li jappoġġaw l-awtonomija u l-għajxien indipendenti, kif ukoll l-inklużjoni fil-komunità fl-ambjenti kollha tal-kura fit-tul. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tistieden ukoll lill-Istati Membri jappoġġaw impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-settur, sabiex itejbu l-professjonalizzazzjoni tal-kura, biex jipprovdu servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità aħjar u biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema. Fl-istess ħin, l-Istati Membri huma mistiedna jidentifikaw persuni mhux professjonisti li jindukraw u jappoġġawhom fl-attivitajiet tagħhom ta' għoti ta' kura.

12. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 għandha l-għan li thegġegħ lill-Istati Membri jżidu l-parteciċipazzjoni fl-ECEC sabiex jiffaċilitaw il-parteciċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jtejbu l-iżvilupp soċjali u konjittiv tat-tfal, b'mod partikolari għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż tfal b'diżabilità, jew minn sfondi żvantaġġati. Għal dan l-għan tirrakkomanda, fost miżuri oħra, it-trawwim fost l-Istati Membri ta' aktar konverġenza 'l fuq tal-parteciċipazzjoni tat-tfal fl-ECEC; il-promozzjoni tal-affordabbiltà, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-ECEC; li tingħata attenzjoni għall-intensità taż-żmien tal-parteciċipazzjoni tat-tfal fl-ECEC u l-kompatibbiltà tagħha ma' parteciċipazzjoni sinifikattiva tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u għar-raġunijiet għal attendenza b'intensità baxxa; u t-tnaqqis tad-distakk fil-parteciċipazzjoni bejn it-tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u l-popolazzjoni ġenerali.

FILWAQT LI JINNOTA LI:

13. L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni (KtR) dwar l-istrategġija Ewropea għall-kura (2023) tenfasizza l-ħtieġa ta' strategġija konġunta għas-saħħa, il-kura u l-edukazzjoni, inkluż l-attivazzjoni ta' sistema ta' interoperabbiltà bejn is-setturi, sabiex tiġi pprovduta kura fit-tul aċċessibbli li tissodisfa l-ħtiġijiet kemm tal-persuni li jeħtieġu l-kura kif ukoll tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura, u biex tiġi żgurata kura tat-tfal ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli.
14. L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar l-istrategġija Ewropea għall-kura (2022) tistieden lill-Istati Membri jipprovdu, fost miżuri oħra, servizzi ta' kwalità aħjar matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja; iqajmu kuxjenza billi jiġbru u jxerrdu elementi ewlenin ta' prattiki tajbin rigward l-għodod u l-infrastruttura; jiżguraw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tibqa' ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Istrategġija, inkluż permezz ta' azzjonijiet li jisfidaw l-istereotipi dannużi tal-ġeneru dominanti fis-setturi tal-kura formali u informali; jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha biex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber u diversa għall-kura; u jqisu l-mobbiltà tal-professjonisti tal-kura u l-migrazzjoni tal-ħaddiema minn pajjiżi mhux tal-UE, flimkien ma' għodod għat-tlaqqiġ tad-domanda mal-provvista, u r-rikonossiment tal-kwalifiki.

15. L-opinjoni tal-KESE ppubblikata fl-2022 bit-titolu "Lejn Mudell Ġdid ta' Kura għall-Anzjani: nitgħallmu mill-pandemija tal-Covid-19" tafferma l-ħtieġa li titwieġeb is-sejħa biex tiġi deistituzzjonalizzata b'mod ġenerali l-kura għall-anzjani fid-djar tal-kura billi jiġu promossi l-awtonomija, l-indipendenza, il-kapaċità li jieħdu ħsieb lilhom infushom u r-relazzjonijiet soċjali tal-anzjani dipendenti. Tispjega li dan ifisser li jiġu pprovduti b'riżorsi soċjali u tal-kura tas-saħħa lokali, għajjnuna fid-djar ħafna aktar strutturata u effiċjenti, kif ukoll alternattivi ta' akkomodazzjoni ġodda, bħal djar protetti, sorveljati jew komunitarji, unitajiet ta' għajxien abbażi tal-koabitazzjoni, jew alternattivi oħra li jeżistu f'diversi pajjiżi tal-UE, skont il-bżonnijiet u preferenzi tal-anzjani li qegħdin jitilfu l-awtonomija. Tiddikjara li, għal persuni aktar dipendenti, id-djar tal-kura tradizzjonali jeħtieġ li jiġu żviluppati mill-ġdid biex l-esperjenza tal-għajxien f'ambjenti bħal dawn tkun aktar bħall-għajxien fid-dar.
16. L-Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u l-Irġiel bit-titlu "The care gap in the EU: a holistic and gender-transformative approach" (Id-diskrepanza fil-kura fl-UE: approċċ olistiku u trasformattiv għall-ġeneru) (2021), tisħaq li n-nuqqas ta' servizzi ta' kura affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE u l-fatt li x-xogħol tal-kura mhux kondiviż b'mod ugwali bejn in-nisa u l-irġiel għandhom impatt negattiv dirett fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali, ekonomika, kulturali u politika.
17. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi tal-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u fuq il-ħidma ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI,

Filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali inkluż id-distribuzzjonijiet territorjali tal-kompetenzi kif ukoll l-awtonomija tas-sħab soċjali:

18. Jirrikonoxxu d-dritt individwali li wieħed jirċievi kura, taħt kundizzjonijiet ugwali, bil-promozzjoni ta' riformi, inkluż permezz ta' strumenti legali, fejn meħtieġ, li jiddefinixxu b'mod olistiku u jiżguraw id-dritt għal kura suffiċjenti, adatta u affordabbli, ta' kwalità għolja, iċċentrata fuq il-persuna u bbażata fil-komunità. Huwa importanti li din il-kura tkun konformi mal-għażla tal-persuna, li għandha d-dritt li tkun akkumpanjata f'dak il-proċess u dik id-deċiżjoni. Id-dritt għall-kura jimplika l-appoġġ għal dawk li jagħtu l-kura (eż. billi jiġu pprovduti protezzjoni soċjali u taħriġ, konsulenza u kura ta' mistrieħ), u r-rikonoxximent tad-dritt tagħhom li jieħdu deċiżjonijiet dwar kemm u lil min għandhom jieħdu ħsieb, kif ukoll id-dritt għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u għal kundizzjonijiet tax-xogħol u pagi ġusti.
19. Jieħdu miżuri biex jiggraw l-evoluzzjoni tal-kura fit-tul u s-servizzi ta' appoġġ lejn approċċ ibbażat fil-komunità u ċċentrat fuq il-persuna li jintegra l-perspettiva tal-ġeneru, il-mudell tad-diżabbiltà bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ bejn il-pari, il-koproduzzjoni u l-antidiskriminazzjoni intersezzjonali, b'mod f'waqt u b'kont meħud tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja, sabiex:
 - a) Jiżguraw kura u appoġġ fit-tul, aċċessibbli, affordabbli, ta' kwalità għolja u ċċentrati fuq il-persuna li jippermettu lil dawk li jeħtiġuha, u li jixtiequha, jipprevjenu l-istituzzjonalizzazzjoni, jgħixu ħajja dinjituża, jgħixu ħajja b'awtodeterminazzjoni, jippreservaw l-awtonomija tagħhom, jgħixu b'mod indipendenti fil-komunità u jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll liberu fuq fejn, ma' min u kif jixtiequ jgħixu.
 - b) Jippromwovu bil-qawwa alternattivi ta' għajxien fil-komunità u sistemi ta' appoġġ lokali li jirrispettaw ir-rieda u l-preferenzi tan-nies u li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet ta' kura tagħhom.

- c) Iwettqu t-trasformazzjoni meħtieġa, meta jkun hemm bżonn, sabiex is-servizzi tal-kura , inkluż dawk offriti mill-istituzzjonijiet tal-kura, jiġu pprovduti abbażi ta' kura u appoġġ iċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, u biex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ sistemi ta' salvagwardja għall-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli li jirċievu l-kura minn kull forma ta' abbuż.
- d) Jistinkaw biex jiżguraw is-sostenibbiltà finanzjarja u tal-forza tax-xogħol tal-kura fit-tul, kif ukoll l-adegwatezza, il-firxa u l-kopertura tagħha, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għall-innovazzjoni u l-prevenzjoni.
- e) Irawmu l-komprensività tas-servizzi differenti tal-kura fit-tul kif ukoll il-koordinazzjoni effettiva bejniethom, b'mod partikolari bejn is-servizzi soċjali u s-servizzi tas-saħħa, filwaqt li jipprovdu portafolli ta' servizz kompletament flessibbli u personalizzati.
- f) Ifasslu perkorsi personalizzati u mudelli ta' kura integrata, pereżempju permezz tal-ġestjoni tal-każijiet, billi jsir l-aħjar użu mill-possibbiltajiet offriti mid-diġitalizzazzjoni.
- g) Jistinkaw biex jiżguraw l-ġotti adegwat ta' taħriġ lill-professjonisti f'kura ċċentrata fuq il-persuna u komprensiva.
- h) Jippromwovu l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet lokali innovattivi u bbażati fil-komunità li jagħmlu użu etiku mit-teknoloġija u jużaw għodod essenzjali bħal fondi pubbliċi u klawżoli soċjali innovattivi fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, u t-titjib kontinwu tas-sistemi tal-kura fit-tul, inkluż l-implimentazzjoni sistematika ta' approċċ ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.
- i) Jistinkaw biex jiżguraw il-provvista ta' appoġġ professjonali multidixxiplinari, iċċentrat fuq il-persuna u servizzi għall-kura fid-djar u l-appoġġ għall-komunità, sabiex jiġu ssodisfati kif xieraq il-ħtiġijiet u jiġi garantit aċċess ugwali, b'mod partikolari fiż-żoni l-aktar rurali, insulari u skarsament popolati, billi jiġu promossi soluzzjonijiet pubbliċi u pubbliċi-privati innovattivi bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u l-kumpaniji privati terzi tas-settur u jiġu indirizzati l-inugwaljanzi marbuta maż-żoni rurali, il-kapaċità ekonomika u l-ġeneru.

- j) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kura fit-tul, jippromwovu mekkaniżmi effettivi biex itejbu l-kwalità tas-servizzi u tar-riżorsi, u jiżviluppaw oqfsa nazzjonali tal-kwalità tal-kura fit-tul li huma bbażati fuq l-evalwazzjoni tal-impatt tal-kura fit-tul u l-appoġġ fuq il-kwalità tal-ħajja tal-persuni.
20. Jippromwovu bidla kulturali mmirata lejn ir-rievalwazzjoni u r-rikonossiment ta' xogħol ta' kura, kemm professjonali kif ukoll mhux professjonali, imħallas u mhux imħallas; lejn l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, il-preġudizzji u l-istereotipi tal-ġeneri; u li jwasslu għal bidla lejn il-koresponsabbiltà għall-kura, permezz ta':
- a) It-tisħiħ l-protezzjoni soċjali u l-miżuri ta' appoġġ għall-persuni li jindukraw b'mod informali, pereżempju, billi tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ u programmi ta' taħriġ flessibbli u ta' kwalità fil-kura informali, li jinkludu appoġġ psikoloġiku u taħriġ fil-ħiliet diġitali.
- b) It-trawwim ta' mekkaniżmi, skont ir-regoli nazzjonali, li jiffavorixxu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, pereżempju permezz ta' ħin tax-xogħol aktar flessibbli, mudelli ta' xogħol ibridi, u l-iżgurar li l-persuni li jindukraw ikollhom aċċess għal-liv skont kundizzjonijiet ugwali.
- c) L-offerta ta' għażliet adegwati ta' liv imħallas, irrispettivament mis-sors tal-appoġġ finanzjarju, li ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-impjegabbiltà tan-nisa jew fuq ir-ritorn tagħhom għax-xogħol, filwaqt li jiġu pprovduti servizzi ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' servizzi ta' appoġġ għall-persuni li jindukraw b'mod informali.
- d) It-trawwim ta' dibattitu soċjali dwar il-kwistjoni tal-kura, pereżempju permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, billi tiġi promossa r-responsabbiltà ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-kura formali u informali, billi jinqerdu l-istereotipi tal-ġeneru u r-rwoli tal-ġeneri tradizzjonalment assoċjati max-xogħol tal-kura, billi tiżdied l-attrazzjoni tax-xogħol tal-kura, u billi jiġu rikonoxxuti l-valur tal-kura u d-dritt tal-persuni għal proġett tal-ħajja tal-għażla tagħhom kif ukoll għad-dinjità.

21. Jinvolvu l-irġiel u s-subien bħala aġenti u benefiċjarji tal-bidla u bħala sħab u alleati strateġiċi fil-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rigward ta' xogħol ta' kura mħallas u mhux imħallas.
22. Jadottaw, kull meta jkunu għadhom ma għamlux dan, livelli u standards tal-kwalità tal-kura f'konformità mal-prinċipji inklużi fiż-żewġ Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill reċenti dwar il-kura fit-tul u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, filwaqt li dejjem jitqiesu l-ħtiġijiet ta' dawk li jirċievu appoġġ u ta' dawk li jindukraw, kif ukoll l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri, kif ukoll jimmiraw, bħala oġettiv inerenti tal-mudelli tal-kura, li jeliminaw id-disparitajiet bejn il-ġeneri.
23. Jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol u pagi xierqa u ġusti fis-settur tal-kura u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u li jkun hemm taħriġ xieraq. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jippromwovu t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi billi jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jippromwovu d-djalogu soċjali u, fejn applikabbli, in-negozjar kollettiv settorjali, kif ukoll billi jippromwovu standards minimi u kodiċijiet ta' kondotta korporattivi fir-rigward tal-kura tul il-ħajja, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.
24. Filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom, iħeġġu lis-sħab soċjali jinkludu fil-ftehimiet kollettivi miżuri biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fis-settur tal-kura, f'konformità mal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali.
- a) Jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol u pagi xierqa u ġusti għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura domestiċi, b'mod partikolari għall-persuni li jindukraw li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu, u jiġġieldu x-xogħol mhux iddikjarat fis-servizzi tal-kura filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lix-xogħol ta' kura domestika, li spiss jitwettaq minn ħaddiema migranti nisa.
- b) Itejbu, kif meħtieġ, il-protezzjoni tal-ħaddiema tal-kura u jieħdu passi biex jipproteġuhom kontra r-riskju ta' fastidju, fastidju sesswali u vjolenza fuq il-post tax-xogħol.

- c) Jiżguraw it-taħriġ inizjali u kontinwu tal-ħaddiema li jindukraw, sabiex jipprovduhom il-ħiliet professjonali meħtieġa biex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi personalizzati u ta' kwalità, inkluż taħriġ u appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet speċjalizzati, personali u diġitali.
- d) Jiżguraw l-iżvilupp professjonali tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura permezz ta' aktar taħriġ, u b'hekk jiġu meħjuna javvanzaw fil-karrieri professjonali tagħhom u jipprovdu kura ta' kwalità tajba li tkun iċċentrata fuq in-nies u bbażata fil-komunità.
- e) Jappellaw lill-awtoritajiet kontraenti biex jagħmlu użu sħiħ mill-għodod disponibbli taħt il-proċeduri tal-akkwist pubbliku biex jiggarrantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa ingaġġati minn kumpaniji mogħtija kuntratti pubbliċi.
- f) Jippromwovu kollaborazzjoni ma' entitajiet tal-ekonomija soċjali biex ifasslu u jipprovdu servizzi ta' kura u appoġġ ta' kwalità iċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità.
- g) Jinkoraġġixxu kemm lis-subien kif ukoll lill-bniet, meta jagħmlu għażliet fl-edukazzjoni sekondarja, biex jikkunsidraw karrieri professjonali relatati ma' kura ta' kwalità u biex jagħtu valur u jirrikonoxxu l-kura bħala attività essenzjali.

25. Jadottaw miżuri, kif xieraq, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura u r-"Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030", biex:

- a) Iżidu l-parteciġazzjoni tat-tfal fl-ECEC aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja, inkluż ta' tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali, filwaqt li jittieħdu wkoll il-passi meħtieġa u raġonevoli biex titnaqqas id-diskrepanza fil-parteciġazzjoni fl-ECEC bejn it-tfal f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali u l-popolazzjoni ġenerali tat-tfal¹¹ filwaqt li jitqiesu d-differenzi tas-sistemi nazzjonali.

¹¹ Filwaqt li titqies ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2021/1004, li tistabbilixxi Garanzija tal-UE għat-Tfal.

- b) Jipprovdu servizzi tal-ECEC affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja li jkunu faċilment aċċessibbli wkoll f'żoni rurali u żvantaġġati, u b'hekk jiġi promoss l-aċċess għall-ECEC tas-subien u l-bniet kollha.
- c) Jaħdmu b'mod effettiv biex jeliminaw id-distakk bejn it-tmiem tal-liv tal-familja u l-aċċess jew, fejn applikabbli, l-intitolament legali għal post fl-ECEC.
- d) Jippromwovu t-teħid mill-irġiel tal-liv tal-paternità u tal-ġenituri, u tas-siġhat tax-xogħol flessibbli, biex b'hekk jiġu indirizzati l-istereotipi tal-ġeneru, sabiex tiġi ffaċilitata distribuzzjoni aktar ekwa tar-responsabbiltajiet ta' indukrar u appoġġ bejn il-ġenituri fir-rigward ta' xogħol imħallas u mhux imħallas f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1158, u b'hekk jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jingħata kontribut ukoll għall-iżvilupp tar-relazzjoni bejn it-tfal u ż-żewġ ġenituri. Isaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema b'responsabbiltajiet ta' indukrar biex jikkwalifikaw għall-liv tal-paternità u tal-ġenituri u biex jitolbu siġhat tax-xogħol flessibbli, u jqajmu kuxjenza dwar dawn id-drittijiet ġodda u l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll biex jiżguraw dispożizzjonijiet f'ECEC ta' kwalità għolja għall-persuni li jindukraw li jaħdmu barra mill-ħinijiet tax-xogħol standard.

26. Jagħtu attenzjoni xierqa lill-isfidi territorjali relatati mal-aċċess għas-servizzi tal-kura permezz ta' miżuri li:

- a) Jimmiraw li jiżguraw aċċess għal servizzi ta' kura u appoġġ ċċentrati fuq il-persuna, ibbażati fil-komunità, ta' kwalità u affordabbli, filwaqt li jqisu b'mod partikolari żoni żvantaġġati, bħal żoni rurali, insulari, skarsament popolati jew remoti, permezz ta' inizjattivi innovattivi, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll mal-ekonomija soċjali, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tan-nisa u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, filwaqt li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tal-ekonomija tal-kura, filwaqt li jagħmlu wkoll użu mit-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu biex jagħmlu dawk iż-żoni aktar attraenti, u jżidu l-attività ekonomika u l-ħolqien tal-impjiegi.

- b) Jidentifikaw u jindirizzaw id-disparitajiet ekonomiċi u l-livelli ta' introjtu fiż-żoni urbani, jiżguraw aċċess ugwali għal servizzi ta' kura u appoġġ iċċentrati fuq il-persuni, ibbażati fil-komunità u ta' kwalità billi jippromwovu sħubijiet lokali/tal-viċinat li jidentifikaw il-ħtiġijiet, u jaqblu dwar strateġiji, inkluż programmi komunitarji u volontarji, gruppi tal-viċinat, jew programmi ta' solidarjetà interġenerazzjonali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, F'KOLLABORAZZJONI MAL-ISTATI MEMBRI:

27. Tkompli tuża s-Semestru Ewropew u l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, biex tippromwovi l-monitoraġġ, it-titjib tal-ġbir tad-data, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' prattika tajba dwar il-kura fit-tul.
28. Tinkoraġġixxi l-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tar-riżorsi u l-fondi tal-UE biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kura fit-tul u l-ECEC, sabiex isir progress fit-tranżizzjoni tas-sistemi tal-kura lejn mudelli olistiċi, iċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, biex jittejjeb ir-rikonossiment tal-valur tal-kura u jiġu eradikati l-preġudizzju u l-isterjotipi tal-ġeneru.
29. Tippromwovi innovazzjonijiet soċjali li jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku u l-avvanz lejn politiki pubbliċi aħjar permezz tal-użu ta' prattiki bbażati fuq l-evidenza u r-riċerka u l-ġhoti ta' kura u appoġġ innovattivi u bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u soluzzjonijiet diġitali aċċessibbli fl-ġhoti ta' servizzi ta' kura u appoġġ li jiffaċilitaw l-awtonomija u l-għajxien indipendenti, bl-involviment tal-utenti tas-servizzi, is-sħab soċjali u l-ekonomija soċjali, it-tielet settur, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tan-nisa, u filwaqt li jintużaw għodod essenzjali bħall-fondi pubbliċi Ewropej u l-klawżoli soċjali fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

30. Twettaq ġbir ta' data (pereżempju amministrattiva u ta' sħarriġ) u żvilupp ta' għodod, indikaturi standardizzati u data komparabbli diżaggregata skont is-sess dwar persuni li jirċievu jew li jeħtieġu kura fit-tul, u dwar persuni li jindukraw b'mod informali - kull meta jkun possibbli - kif ukoll dwar persuni professjonali li jindukraw, bil-ħsieb li jsir monitoraġġ sistematiku tal-progress li jkun sar mill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' kura aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja, inkluż biex jintlaħqu l-miri ta' Barċellona għall-2030.
31. Tesplora mal-Istati Membri l-fattibbiltà ta' kontijiet satelliti tal-kura u tal-unitajiet domestiċi, l-estensjoni tas-sistemi kontabilistiċi tradizzjonali, sabiex jitqiesu u jiġu vvalutati l-attivitajiet produttivi mhux imħallsa relatati mal-kura (bħall-kura fit-tul, l-indukrar tat-tfal, is-servizzi domestiċi, eċċ.) li kull waħda minnhom hija aspekk importanti tal-ħajja tan-nies, iżda fil-biċċa l-kbira hija nieqsa minn statistika ekonomika regolari bħall-prodott domestiku gross (PDG), u b'hekk timmira li tkejjel u tivvaluta l-kontribut ekonomiku ta' xogħol ta' kura mhux imħallas, bl-użu ta' data diżaggregata skont is-sess kull meta jkun possibbli.
-

Referenzi

1. UE interistituzzjonali

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ġie pproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.

https://commission.europa.eu/publications/european-pillar-social-rights-booklet_mt

2. Il-Kunsill

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas ([13584/20](#))

Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar l-Impatt tal-Kura fit-Tul fuq il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata ([8764/20](#))

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem ([14938/19](#))

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tax-xogħol: Approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja ([10134/18](#))

[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja](#) (ĠU C 476, 15.12. 2022, p. 1)

[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: Il-miri ta' Barcellona għall-2030](#) (ĠU C 484, 20.12.2022, p. 1)

3. Il-Parlament Ewropew

[What if care work were recognised as a driver of sustainable growth?](#) (U kieku x-xogħol tal-kura kellu jiġi rikonoxxut bħala xprun tat-tkabbir sostenibbli?) Tgħarrif mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (2022)

4. Il-Kummissjoni Ewropea

[A European Care Strategy for caregivers and care receivers](#) (Strateġija Ewropea għall-Kura għal dawk li jindukraw u għal dawk li jirċievu l-kura) (2022)

[The 2021 Ageing Report: Economic and Budgetary Projections for the EU Member States \(2019-2070\)](#) (Ir-Rapport tal-2021 dwar it-Tixjiħ: Proġettazzjonijiet ekonomiċi u baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2019-2070))

[Green Paper dwar it-Tixjiħ Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet](#) (2021)

[Long-term care report \(Rapport dwar il-kura fit-tul\)](#) (2021)

5. Kumitat tar-Regġuni:

[Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni dwar l-"Istrateġija Ewropea għall-Kura"](#) (ĠU C 157, 3.5.2023, p. 26)

6. Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE):

[EIGE \(2023\) A Better Work–Life Balance: Bridging the gender care gap](#) (Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata: Intemmu d-differenza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-kura)

[EIGE \(2021\) Gender inequalities in care and consequences for the labour market](#) (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol)

[Gender Inequalities in care and consequences on the labour market](#) (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-konsegwenzi fuq is-suq tax-xogħol) (2020)

7. In-Nazzjonijiet Uniti:

Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. [General comment No. 5 \(2017\) on living independently and being included in the community](#) (Kumment ġenerali Nru 5 (2017) dwar il-ħajja indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità)

8. Oħrajn

[The care gap in the EU: a holistic and gender-transformative approach](#) (Id-distakk fil-kura fl-UE: approċċ olistiku u trasformattiv skont il-ġeneru) Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u l-Irġiel (2021)

[Towards a Stereotype-Free European Union: Opinion on Combatting Gender Stereotypes](#) Lejn Unjoni Ewropea ħielsa mill-isterjotipi: Opinjoni dwar il-Ġlieda kontra l-Isterjotipi tal-Ġeneru) Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u l-Irġiel (2021)

["Challenges in long-term care in Europe - A study of national policies 2018"](#) (L-isfidi fil-kura fit-tul fl-Ewropa - Studju tal-politiki nazzjonali, 2018), ippubblikat min-*Network Ewropew* dwar il-Politika Soċjali.

["Deinstitutionalisation and community living—outcomes and costs: report of a European Study" \(DECLOC report\)](#) (London School of Economics Research Online)

[Report on the Transition from Institutional Care to Community-based Services in 27 Member States of the European Union](#) (2020) Studju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea u miktub minn Jan Šiška u Julie Beadle-Brown.